

Uffiċjal Xjentifiku għal Mard li Jista' Jiġi Evitat bit-Tilqim

Unità: Unità tal-Programmi tal-Mard
Referenza: ECDC/FGIV/2023/DPR-SOVPD

Qed jintlaqgħu applikazzjonijiet għall-kariga ta' Aġent Kuntrattwali msemmija hawn fuq fiċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC).

Deskrizzjoni tal-impjieg

L-ECDC jixtieq jirrekluta persuna waħda biex taħdem bħala Uffiċjal Xjentifiku fit-Taqsima tal-Mard li jista' jiġi Evitat bit-Tilqim u l-Immunitazzjoni (VPI) fl-Unità tal-Programm tal-Mard.

Id-detentur tal-impjieg ser jirrapporta għand il-Kap tat-Taqsima u huwa mistenni jikkontribwixxi b'mod partikolari għall-attivitajiet fl-oqsma ta' ħidma li ġejjin:

- L-għoti ta' appoġġ lill-Istati Membri tal-UE/taż-ŻEE u lill-Kummissjoni Ewropea fil-qasam tal-mard li jista' jiġi evitat bit-tilqim permezz ta' evidenza xjentifika, analiżijiet sistematiki tal-letteratura, rapporti tekniċi, dokumenti ta' gwida, u żjarat fil-pajjiżi;
- Analiżi, validazzjoni, interpretazzjoni u tixrid ta' sorveljanza u *data* epidemjoloġika oħra relatata ma' mard li jista' jiġi evitat bit-tilqim;
- Il-kollaborazzjoni ma' partijiet ikkonċernati interni u esterni u l-parteċipazzjoni f'networks tal-ECDC rilevanti għat-tishiġ tal-kooperazzjoni tal-ECDC mal-Istati Membri tal-UE/taż-ŻEE;
- L-evalwazzjoni u l-monitoraġġ ta' programmi ta' tilqim sabiex tiġi pprovduta evidenza għal rakkomandazzjonijiet ibbażati fuq ix-xjenza;
- Il-ħidma mal-partijiet ikkonċernati ewlenin mill-Istati Membri tal-UE/taż-ŻEE u ma' organizzazzjonijiet sħab biex jiġu vvalutati l-ħtiġijiet għall-appoġġ tal-ECDC;
- Kontribut għall-produzzjoni f'waqtha ta' valutazzjonijiet rapidi ta' riskju/tifqigħat ta' kwalità għolja u bbażati fuq l-evidenza u outputs oħra b'rispons għal theddid ta' mard li jista' jiġi evitat bit-tilqim;
- Kontribuzzjoni għas-sensibilizzazzjoni (eż. il-Ġimgħa Ewropea tal-Immunitazzjoni);
- L-għoti ta' appoġġ lill-koordinazzjoni tan-network ta' mard, inklużi l-preparazzjoni, l-organizzazzjoni u s-segwitu ta' laqgħat;

- Il-ġestjoni ta' proġetti ta' kuntratti ta' servizz ma' kuntratturi esterni;
- Il-kontribut għar-rispons ta' emerġenza tas-saħħa pubblika, sistemi ta' dmir 24/7 tal-ECDC, u għal attivitajiet oħra kif meħtieġ, fil-qasam tal-għarfien espert tiegħu kif meħtieġ, inkluż it-Task Force tal-UE għas-Saħħa.
- Kwalunkwe kompitu ieħor relatat mal-qasam tax-xogħol tiegħu, kif meħtieġ.

Kwalifiki u esperjenzi meħtieġa

A. Rekwiżiti formali

Sabiex tkun kandidat eliġibbli jeħtieġ li tissodisfa sett ta' rekwiżiti formali. Dawn ir-rekwiżiti huma:

- Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma ta' mill-inqas tliet snin, attestati b'diploma¹;
- Għarfien approfondit ta' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-UE u għarfien sodisfaċenti ta' lingwa uffiċjali oħra tal-UE sal-limitu meħtieġ għall-qadi ta' dmirijietek²;
- Nazzjonalità ta' wieħed mill-Istati Membri tal-UE jew tan-Norveġja, tal-Iżlanda jew tal-Liechtenstein;
- Li tkun intitolat għad-drittijiet sħaħ tiegħek bħala ċittadin(a)³;
- Li jkun issodisfa l-obbligi kollha imposti mil-liġijiet applikabbli dwar is-servizz militari;
- Li tissodisfa r-rekwiżiti tal-karattru għad-dmirijiet involuti; u
- Tkun fiżikament f'saħħtek biex twettaq id-dmirijiet relatati mal-kariga.

B. Kriterji ta' selezzjoni

Biex tikkwalifika għal din il-kariga identifikajna **kriterji essenzjali** fir-rigward tal-esperjenza professjonali u l-karatteristiċi personali/ħiliet interpersonali.

Esperjenza/għarfien professjonali:

- Lawrja universitarja jew postgradwatorja fil-qasam tal-mediċina, ix-xjenzi bijomediċi, is-saħħa pubblika, l-epidemjoloġija jew qasam ieħor rilevanti għall-kariga, inkella, diploma postgradwatorja minn Programm ta' Taħriġ fl-Epidemjoloġija tal-Qasam (EPIET jew programm nazzjonali ekwivalenti);
- Mill-inqas 3 snin, wara l-għoti tad-diploma, ta' esperjenza professjonali miksuba f'pożizzjonijiet rilevanti għad-deskrizzjoni tal-impjeg u relatati ma' mard li jista' jiġi evitat bit-tilqim;
- Esperjenza fis-saħħa pubblika fil-qasam tal-mard li jista' jiġi evitat bit-tilqim fil-livell nazzjonali u/jew internazzjonali, inkluż in-networking u l-komunikazzjoni mal-partijiet ikkonċernati;

¹ Se jiġu kkunsidrati biss id-diplomi u ċ-ċertifikati li jkunu ngħataw fl-Istati Membri tal-UE jew li jkunu s-suġġett ta' ċertifikati ta' ekwivalenza maħruġa mill-awtoritajiet fl-Istati Membri msemmija.

² Il-kandidati b'lingwa tal-UE mhux uffiċjali jew bl-Ingliż bħala l-lingwa materna tagħhom iridu jipprovdu evidenza tal-livell tagħhom tat-tieni lingwa b'ċertifikat (B1 jew iktar).

³ Qabel il-ħatra, il-kandidati magħżula se jintalbu jiprovdu ċertifikat mill-fajl tal-pulizija biex juru li ma għandhomx kondotta kriminali.

- Esperjenza u ħiliet mixhuda bi prova fl-analiżi tad-*data* epidemjoloġika bl-użu ta' software statistiku (preferibbilment R) kif ukoll interpretazzjoni ta' informazzjoni xjentifika oħra;
- Esperjenza mixhuda bi prova fil-ġestjoni ta' proġetti;
- Esperjenza u ħiliet fil-kitba ta' rapporti u l-ġhotti ta' preżentazzjonijiet orali;
- Livell eċċellenti tal-Ingliż, kemm miktub kif ukoll mitkellem.

Karatteristiċi personali/ħiliet interpersonali:

- Il-kapaċità li tieħu inizzjattiva;
- Li tkun xprunat mill-kwalità;
- Ħiliet organizzazzjonali u l-kapaċità ta' ġestjoni tar-responsabbiltajiet taħt kundizzjonijiet ta' rutina kif ukoll taħt pressjoni;
- Il-kapaċità li taħdem b'mod kollaborattiv f'tim internazzjonali u multikulturali;
- Ħiliet eċċellenti ta' komunikazzjoni bil-miktub u orali.

Skont l-għadd ta' applikazzjonijiet li jaslu, il-kumitat ta' selezzjoni jista' japplika rekwiżiti aktar stretti fil-kriterji tas-selezzjoni msemmija qabel.

Opportunitajiet Indaq

L-ECDC huwa impjegatur ta' opportunitajiet indaq u jħeġġeġ applikazzjonijiet mill-kandidati kollha li jissodisfaw il-kriterji tal-eliġibbiltà u tas-selezzjoni mingħajr l-ebda distinzjoni abbażi ta' età, razza, konvinzjoni politika, filosofika jew reliġjuża, ġeneru jew orjentazzjoni sesswali u irrispettivament mid-diżabilitajiet.

Ħatra u kundizzjonijiet tal-impjieg

Id-detentur tal-impjieg se jinħatar abbażi ta' lista mqassra proposta mill-Kumitat ta' Selezzjoni lid-Direttur. Dan l-avviż ta' pożizzjoni vakanti huwa l-bażi għall-istabbiliment tal-proposta tal-Kumitat ta' Selezzjoni. Il-kandidati se jintalbu jagħmlu testijiet bil-miktub. Il-kandidati għandhom ikunu jafu li l-proposta tista' ssir pubblika u li l-inklużjoni fil-lista preliminari ma tiggarrantixxix ir-reklutaġġ tagħhom. Il-lista preliminari ta' kandidati se tiġi stabbilita wara proċess ta' selezzjoni miftuħa.

Il-kandidat magħżul se jiġi rreklutat bħala aġent kuntrattwali, skont l-Artikolu 3a) tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea, għal perjodu ta' ħames snin. Il-kuntratt jista' jiġġedded. Il-ħatra se tkun fil-**Grupp ta' Funzjoni IV**.

L-applikanti għandhom jinnutaw ir-rekwiżit skont ir-regolamenti tal-persunal tal-UE għall-persunal il-ġdid kollu li għandu jtemm b'suċċess perjodu ta' prova ta' disa' xhur.

Għal aktar informazzjoni dwar kundizzjonijiet kuntrattwali u tax-xogħol, jekk jogħġbok irreferi għall-Kundizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea, li huma disponibbli fil-link li ġejja:

<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=CELEX%3A01962R0031-20140501>

Il-post tal-impjieg se jkun fi Stokkolma, fejn iċ-Ċentru għandu l-attivitajiet tiegħu.

Listta ta' riżerva

Tista' tinħoloq lista ta' riżerva u din tintuża għar-reklutaġġ, f'każ li jkun hemm pożizzjonijiet vakanti simili. Din se tkun valida sal-31 ta' Diċembru tal-istess sena tad-data ta' skadenza tal-applikazzjoni u tista' tiġi estiża.

Il-proċedura tal-applikazzjoni

Biex tapplika għal din il-pożizzjoni vakanti, jekk jogħġbok oħloq kont/illoggja fil-kont tiegħek permezz ta' sistema ta' reklutaġġ elettroniku, imla t-taqsimiet kollha meħtieġa tal-applikazzjoni u ssottomettiha. **L-ECDC ma jaċċettax applikazzjonijiet sottomessi bl-email, bil-posta jew bi kwalunkwe mezz ieħor.**

Id-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet hija fid-data ppubblikata fl-avviż ta' pożizzjoni vakanti bl-Ingliż. Nagħtuk parir li tissottometti l-applikazzjoni tiegħek ferm qabel id-data ta' skadenza f'każ li tiltaqa' ma' kwistjonijiet tekniċi u/jew ikunu qed jintbagħtu ħafna applikazzjonijiet fl-istess ħin fuq is-sit web. L-ECDC mhu se jaċċetta l-ebda applikazzjoni wara id-data ta' skadenza. Ladarba tkun issottomettejt l-applikazzjoni tiegħek, tirċievi messaġġ awtomatiku bl-email li jikkonferma l-wasla tal-applikazzjoni tiegħek. Jekk jogħġbok kun ċert li l-indirizz tal-email li tipprovdvi għall-kont tal-applikant tiegħek ikun korrett u li tiċċekkja l-email tiegħek regolarment.

Tista' ssib gwida għall-utent dwar ir-reklutaġġ elettroniku u gwida dwar il-proċess tar-reklutaġġ u tas-selezzjoni tal-ECDC fuq is-sit web tagħna:

<https://ecdc.europa.eu/en/about-us/work-us/recruitment-process>

Minħabba l-volum kbir ta' applikazzjonijiet li jaslu, se jiġu nnotifikati biss il-kandidati li jintgħażlu għall-intervisti.

Tista' ssib it-traduzzjoni⁴ ta' dan l-avviż ta' pożizzjoni vakanti fil-lingwi kollha tal-UE hawnhekk:

<https://www.ecdc.europa.eu/en/about-ecdc/work-ecdc/recruitment/vacancies/vacancy-translations>

⁴ Filwaqt li dan l-avviż ta' pożizzjoni vakanti ġie tradott fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE mill-oriġinali tiegħu bl-Ingliż, il-lingwa tal-operazzjonijiet ta' kuljum taċ-Ċentru hija ġeneralment l-Ingliż. L-ECDC għalhekk jippreferi jirċievi l-applikazzjoni bl-Ingliż.